Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Il-President

26.4.2023

Is-Sur Younous Omarjee
President
Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar l-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa (2023/2044(INI))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tal-1 ta' Marzu 2023, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tas-26 ta' April 2023. Matul din il-laqgħa, iddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin hawn taħt fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Dragoş Pîslaru

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati hija kruċjali biex jiġu żgurati tranżizzjoni ekoloġika u tranżizzjoni diġitali ekwi u soċjalment ġusti u biex jissaħħu t-tkabbir sostenibbli, l-istabbiltà ekonomika u r-reżiljenza tal-Unjoni fid-dawl tat-tibdil demografiku u x-xokkijiet esterni negattivi, u billi ħiliet aktar adegwati u orjentati lejn il-futur jiftħu opportunitajiet ġodda ta' impjieg u jagħtu s-setgħa lill-ħaddiema u lil dawk li jkunu qed ifittxu impjieg biex jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq tax-xogħol, fis-soċjetà u fid-demokrazija;

B. billi l-inugwaljanzi reġjonali jistgħu jġiegħlu lill-ħaddiema jfittxu opportunitajiet ta' impjieg f'reġjun jew fi Stat Membru differenti; billi l-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni jeħtieġ li jindirizzaw id-diversi fatturi li jinfluwenzaw il-migrazzjoni lejn il-bliet u/jew reġjuni jew Stati Membri oħra; billi investimenti ambizzjużi u impjiegi ta' kwalità, kif ukoll it-titjib tal-aċċessibbiltà u l-kwalità tas-servizzi u tal-infrastruttura huma ta' importanza partikolari fir-reġjuni f'riskju ta' depopolazzjoni sabiex tingħata spinta lill-irkupru ekonomiku tagħhom u lill-kompetittività fit-tul tagħhom fis-suq uniku u b'hekk ix-xejriet demografiċi negattivi jitreġġgħu lura;

C. billi l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, fir-rapport tagħha intitolat "Rapport dwar l-iskarsezzi u l-eċċessi ta' ħaddiema", u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà, fir-rapport tagħha intitolat "L-iżvilupp tal-ħiliet taċ-ċibersigurtà fl-UE", identifikat li 28 okkupazzjoni ġew ikklassifikati bħala li għandhom skarsezzi ta' ħiliet fl-2021, inkluż fis-setturi tal-kura tas-saħħa, tal-ospitalità, tal-kostruzzjoni u tas-servizzi, u identifikat skarsezzi ta' speċjalisti tal-IT u tas-sigurtà, b'mod partikolari esperti taċ-ċibersigurtà, u ħaddiema bi sfond ta' xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika;

D. billi s-Sena Ewropea tal-Ħiliet għandha tippromwovi l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u strateġiji biex jinżammu l-ħaddiema bħala l-aħjar mod biex tiġi attirata u tinżamm forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati u tippromwovi inċentivi biex min iħaddem jinvesti fl-iżvilupp tal-ħiliet tal-ħaddiema tiegħu, speċjalment fis-settur ekoloġiku u dak diġitali;

1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa qabel is-Sena Ewropea tal-Ħiliet, li għandha l-għan li tippromwovi aktar it-taħriġ vokazzjonali u professjonali, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet u li tiżgura li ħadd ma jitħalla jibqa' lura fit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u fl-irkupru ekonomiku; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-aħjar użu mis-Sena Ewropea tal-Ħiliet, mhux l-inqas billi tippromwovi programmi ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid f'setturi u reġjuni li għadhom lura f'termini ta' kompetittività u innovazzjoni jew li huma soġġetti għal trasformazzjonijiet profondi;

2. Jieħu nota tal-Mekkaniżmu ta' Spinta tat-Talent bħala inizjattiva ddedikata u komprensiva ġdida biex tingħata spinta lit-"talent" f'reġjuni li qed jiffaċċjaw jew li jinsabu f'riskju li jiffaċċjaw "nassa tal-iżvilupp tat-talenti";

3. Jisħaq, f’dan il-kuntest, fuq il-ħtieġa li l-aspirazzjonijiet, il-ħtiġijiet, it-taħriġ vokazzjonali u professjonali u s-sett ta’ ħiliet tal-ħaddiema u ta’ dawk li jkunu qed ifittxu impjieg, inklużi l-ħiliet personali trażversali u l-ħiliet miksuba matul il-mobilità, jiġu abbinati mal-ħtiġijiet u l-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol, speċjalment dawk offruti mit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u mis-setturi emerġenti;

4. Jinnota, f’dan ir-rigward, li l-investiment fit-tagħlim tul il-ħajja, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet huwa essenzjali, inkluż bil-mobilizzazzjoni ta’ strumenti bħall-FSE+, biex jiġu antiċipati l-ħtiġijiet futuri u biex jiġu indirizzati l-iskarsezzi ta’ ħaddiema billi jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet, jiġi indirizzat in-nuqqas ta’ tlaqqigħ tal-ħiliet u jinħolqu impjiegi ta’ kwalità sabiex tingħata s-setgħa lill-ħaddiema u lil dawk li jkunu qed ifittxu impjieg u lill-persuni kollha fl-Unjoni;

5. Jistieden lis-sħab soċjali jiżvolġu rwol ewlieni fl-iżvilupp ta’ strateġiji ta’ taħriġ, inkluż l-aċċess ugwali għal programmi ta’ titjib tal-ħiliet u ta’ taħriġ mill-ġdid għall-ħaddiema kollha u jisħaq fuq il-ħtieġa li l-ftehimiet kollettivi jinkludu dispożizzjonijiet b’saħħithom f’dak ir-rigward; ifakkar li d-djalogu soċjali huwa essenzjali biex jiġu żviluppati strateġiji ta’ ħiliet effettivi u orjentati lejn il-futur, inkluż fil-livell tal-kumpaniji, filwaqt li jfakkar fid-demokrazija fuq il-post tax-xogħol;

6. Jiddispjaċih li l-iskarsezzi ta’ ħaddiema, f’xi każijiet, huma wkoll ir-riżultat ta’ impjiegi mhux attraenti u kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena u jenfasizza għalhekk li huwa importanti li dawk il-kwistjonijiet jiġu indirizzati, permezz ta’ kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u politiki ta’ żamma, biex is-suq tax-xogħol futur jiffunzjona tajjeb; jisħaq li t-titjib tal-kwalità tal-impjiegi fis-setturi u fil-kumpaniji b’kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena huwa element importanti biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-eżodu ta’ mħuħ li tikkaġuna inugwaljanzi dejjem akbar bejn ir-reġjuni, żvilupp inugwali kif ukoll kapaċità inugwali biex tiġi xprunata l-innovazzjoni u jinħolqu l-impjiegi;

7. Iqis li l-promozzjoni tal-aċċess ugwali għall-iżvilupp tal-ħiliet, l-iżgurar tat-tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-ħaddiema b’livell baxx ta’ ħiliet, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi u s-segregazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ, l-offerta ta’ opportunitajiet ta’ progressjoni fil-karriera kif ukoll il-promozzjoni tal-intraprenditorija u tal-ħiliet intraprenditorjali huma essenzjali biex in-nies jingħataw is-setgħa li jaċċedu għal impjiegi ta’ kwalità jew li joħolquhom u li jipparteċipaw bis-sħiħ fl-ekonomija u s-soċjetà;

8. Jinnota li, fil-kuntest ta’ ambjent teknoloġiku li qed jinbidel malajr, jeħtieġ li l-ħiliet diġitali jinżammu aġġornati; jilqa’ r-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fl-għoti ta’ opportunitajiet ta’ tagħlim ta’ kwalità u fil-promozzjoni tat-talent kemm għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-adulti;

9. Jenfasizza li jeħtieġ li ssir aktar enfasi fuq l-integrazzjoni ta’ persuni minn gruppi sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol, b’mod partikolari n-nisa u ż-żgħażagħ, speċjalment dawk barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs), persuni b’livell baxx ta’ ħiliet, ħaddiema akbar fl-età, persuni b’diżabilità, persuni minn ambjenti żvantaġġati u bi sfond ta’ migrazzjoni, kif ukoll persuni li jgħixu f’żoni li għaddejjin minn depopolazzjoni, rurali u remoti kif ukoll fir-reġjuni ultraperiferiċi;

10. Jisħaq li livell baxx ta’ offerti ta’ impjieg għandu effetti sekondarji negattivi peress li jġiegħel lin-nies, speċjalment liż-żgħażagħ, ifittxu impjiegi fi bnadi oħra, jikkontribwixxi għall-isfidi soċjali fil-livell reġjonali u lokali, bħall-qgħad, it-tixjiħ demografiku, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, kif ukoll it-tnaqqis tas-servizzi pubbliċi u privati; jenfasizza l-importanza ta’ kooperazzjoni mill-qrib fost l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-kumpaniji; jappoġġja għalhekk il-ħolqien u l-finanzjament ta’ patti lokali għall-ħiliet u ċentri għall-iżvilupp tal-ħiliet f’kooperazzjoni mal-aġenziji tal-impjiegi;

11. Jistieden lill-Istati Membri jinvestu aktar fl-edukazzjoni u, flimkien ma’ min iħaddem, fis-sistemi ta’ taħriġ vokazzjonali u fit-taħriġ professjonali kif ukoll fit-taħriġ mill-ġdid u fit-titjib tal-ħiliet; huwa favur li tiżdied il-mobilità intra-UE u li jiġu attirati persuni minn pajjiżi terzi bil-ħiliet meħtieġa fl-Istati Membri, billi jiġu promossi t-taħriġ, inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ fil-lingwi, u l-iżvilupp tal-ħiliet, u billi jittejjeb ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent tal-ħiliet; iħeġġeġ lill-awtoritajiet pubbliċi tal-impjiegi u lill-aġenziji privati tal-impjiegi jipprovdu informazzjoni u gwida rilevanti lill-ħaddiema mobbli.